MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru 1140/2008

Il-Pulizija

(Spettur Jessica Grima)

vs

Lucia Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata ta' karta tal-identita' 396471m, akkuzata talli:

- fl-i4 ta' Jannar, 2008, ghal habta tal-4.00pm fi Triq il-Manikata, Manikata, Mellieha, saqet vettura numru DBY 307 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkagunat offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Malcolm Gauci skond kif iccertifika Dr.Joseph Briffa M.D ta' M.D.H;

Il-prosekuzzjoni tablet li tigi skawlifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi citati bghat lill-imputata sabiex tigi ggudikata minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-parti civile;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta incident tat-traffiku li fih wegga' b'mod gravi certu Malcolm Gauci li f'dak iz-zmien kellhu appena hdax il-sena. Id-dinamika tal-incident tirrisulta filli l-imputata kienet qeghdha fil-hin tal-incident issuq xarabank ta' proprjeta' tal-'Paramount Garage' li kien ingaggjat biex iwassal tfal mill-iskola ghad-dar u fil-hin li kienet qed timmanuvra l-vettura fin-niezla tal-Manikata biex twassal l-ahhar tlett studenti d-dar hi hu timmanuvra l-liwja ta' fejn hemm l-impjant tad-dranagg, it-tifel imsemmi li kien fuq l-istaffa tax-xarabank, zelaq b'hekk li tbezzaq 'il barra ghal fuq it-triq u saqjah il-leminija spiccat maqbuda bir-rotta ta' quddiem tal-vettura. Dak il-hin il-vettura kienet qed tinstaq ghan-niezla fid-direzzjoni ta' Ghajn Tuffieha.

Dwar il-feriti subiti mill-minuri m'hemmx dubbju li kienu ta' entita' gravi tali li hallew xi tmienja fil-mija disbilita' permanenti u bi sfregju permanenti fis-sieq milquta.

Xehed il-minuri li wegga . Stqarr li kien bil-qeghdha fuq l-ewwel sedil direttament wara l-imputata ihares fid-direzzjoni taghha. Immedjatament warajh f'sedili ghalihom kien hemm iz-zewg student l-ohra. Ikkonferma li l-imputata fil-hin tal-incident kienet niezla t-tela tal-Manikata. Kienu waslu fid-dawra fejn hemm l-impjant tad-dranagg. Osserva li kien gej van mid-direzzjoni opposta. Semma li x-xarabank kienet tat-tip li l-bibien jinghalqu izda fil-hin meta gara l-incident kienu miftuhin u kienu ilhom miftuha minn meta kienu nizzlu xi tfal fejn il-ground tal-Mellieha. Kompla stqarr: "meta [l-imputata] giet biex iddur [il-liwja] talbitni biex naralha…billi x-xarabank ghandu staffa wahda, jiena mort fuqha, zammejt mal-bibien u ttawalt barra waqt li x-xarabank kienet niezla. Naf li x-xarabak ghaddiet minn mal-gandott u fl-istess hin li l-van ghadda wkoll…Kif kont sejjer lura lejn posti, hadt skoss, gejt lura u spiccajt b'sieq wahda fuq ix-xarabak u l-ohra barra. Li niftakar hu li nbzaqt 'l barra u sieq wahda giet taht ir-rota…kienet dik tax-xellug. Hemmhekk naf li x-xarabank kif is-sieq kienet taht ir-rota waqfet u dan billi siehbi Ryan Muscat kien induna x'kien gara u ghalhekk attira l-attenzjoni tal-imputata biex tieqaf. Ix-xarabank waqfet kif kienet fuq sieqi tax-xellug. Naf imbghad li irriversjat u sieqi giet liberata". Rigward il-griehi qal li damu aktar minn 30 gurnata biex ifiequ izda li kienu fiequ ghall-kollox salf xi marki li jipperduraw u l-ksur tas-seba z-zghir ta' saqajh li ma jfieqx izda li ma kienx qed jostakolah fil-movimenti tieghu. Semma fil-kontroezami li tilef il-bilanc meta x-xarabank hadet skoss u spicca b'saqajh taht ix-xarabank. Semma wkoll li l-buttini biex infethu l-biebin huma f'panelli fuq il-bieba lil hemm mill-portata tieghu.

Intant, apparti l-ex Ps 298 Joseph Grima li ikkonferma li x-xarabank kienet tat-tip ‘low floor’ bil-bieba tal-istaffa tinghalaq, xehed l-imsemmi Ryan Muscat, minuri u kugin tal-parti leza, li stqarr li kien bilqeghda wara kuginuh jikkalkula xi erba sedili wara l-imputata li kienet is-sewwieq. Ma semax lill-imputata tghid xejn lill-kuginuh. Dan kien bil-qeghda wara l-kabina tas-sewwieq, cjoe’ l-imputata. Hu seta jara mill-posizzjoni fejn kien parti mill-istaffa pero’ osservah qabel ma gara l-incident bil-wieqfa fuq l-istaffa jzomm il-manku tal-bieba jhares ghal barra meta rah jizloqq u jaqa’ ghal barra.

Xehdet ukoll l-imputata. Inter alia tghid li kienet tabbi xi erbghin tifel mill-iskola u twassalhom id-dar fejn kienu jabitaw. Tghid li t-tfal kienu imqarrbin u malgrad ir-rapporti taghha, anke lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, qatt ma baghtula lil hadd biex jissorveljhom. Kompliet tghid li fil-parti tat-triq fejn gara l-incident hemm liwja li ma tipperthix lill-xarabank iddur jekk ma tmurx mal-faccjata l-ohra tat-triq. Tghid li fl-istess hin kien gej van mid-direzzjoni opposta u hi kellha tieqaf. Kompliet tghid li kif kienet niezla ‘naqra naqra’ seghmet il-hoss tal-bieba tinfetah, waqfet hesrem u rat tifel hiereg minn gol bieba. Dwar kif tinfetah il-bieba qalet li suppost tifthu hi izda tista tinfetah minn buttuna li qeghdha fuq il-bieba. Sostniet li l-bieba dak il-hin kienet maghluqa u fethuha wiehed mit-tfal. Fil-kontest ta’ dan u n-kontro ezami fuq domanda jekk kienx il-fatt li l-bieba ma kinitx ghalqita u kienet dejjem miftuha irrispondiet li “ma jistax ikun, le” u ziedet testwalment hekk “ghax jiena imdorrija li l-busses huma kollha jekk ma taghlaqx il-bieba ma jimxux. Xorta, barra li ghas-safety tat-tfal …il-bus ma jimxix jekk ma tghalaqx il-bieba”. Cahdet ukoll li fl-ebda hin ma talbet lis-sinistrat jitawwal biex jaralha.

Intant, fil-kuntest tal-bieba, m’hemm xejn mill-provi li juru kif topera u jekk hux minnhu dak li ssostni l-imputata. Li huwa fatt cert hu li t-triq f’dik il-parti taghha hija dejqa u vettura ta’ kobor ta’ xarabank mhux kemm timmanuvra l-kurva taghha. Hu indubitat li l-imputata kienet niezla b’ velocita minima bir-roti kemm kemm iduru. Fil-fehma tal-Qorti l-incident gara proprju minhabba li esattament qabel il-kurva hi kellha tieqaf minhabba l-van li kien tiela minn naha opposta. Ix-xhieda hi kontradittorja fuq jekk l-imputata staqsiet lill-minuri biex jitawwal minn fuq l-istaffa minhabba l-kandott. Hu x’inhu l-kaz pero’ it-tifel qatt ma messhu kien fuq l-istaffa u ghalhekk biss hi tenuta tirrispondi l-imputata. Kellha f’kull kaz tassikura li l-bieba tinzamm u tibqa maghluqa f’kull hin waqt li l-vettura tkun miexja b’daqstant pero’ li fil-kaz in ispecje mhux qed tirriskontra ebda sewqan ‘per se’ bla kont, bi trakuragni kbira u/jew perikoluz da parti tal-imputata.

Ikkunsidrat l-attenwanti generici konsistenti fin-nuqqas tal-awtoritajiet li jipprovdu supervizjoni adegwata issib l-imputata hatja taht l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9. Rat l-istess artikolu tal-ligi u fic-cirkostanzi tiddecidi li tilliberha taht id-disposizzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputata ir-responsabiltajiet taghha skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------